

# Xi Ismijiet tat-Toroq tagħna

## Kitba ta' Dun Karm Bezzina



It-toroq ta' Ħal Għargħur dari kellhom ċerti ismijiet jew laqmijiet fost il-poplu tagħna.

Dik li llum insejħulha Triq il-Kbira jew Main Street, kienu jgħidulha n-naħa tal-Belt, "Strada Reale". Dan l-isem kien miktub bl-iswed fil-bidu u t-tmien tagħha.

It-trasport pubbliku kien jgħaddi minnha lejn Birkirkara, Sliema u l-Belt. Il-karozzi tal-linja kienu qishom il-vannijiet kbar tal-lum, u jesgħu madwar għoxrin. Trid tara x'inkwiet kien jinqala' fejn ma kenux jistgħu jgħaddu żewġ karozzi mdaqqsin.

Triq il-Wiesgħa konna ngħidulha: Wara t-Tribuna" Għaliex ma nafx. L-aħħar banda li daqqet f'din il-pjazza kienet il-King's Own taħt is-Surmast Joseph Casapinta madwar is-sena 1950.

Sqaq Warda kellu l-isem ħelu: Vicolo Rosa.

Sqaq ir-Rużarju kien magħruf bħala "Is-Sqaq tal-Furnara", għax kien hemm il-forn tal-Familja Bezzina ta' Lawrenz. Aħna l-abbatini konna mmorru biċ-ċensier biex jimlewhulna bil-ġamar tal-forn.

Triq Monsinjur Lwiġi Catania konna ngħidulha: it-Triq tal-Ġebla l-Kbira, minħabba l-mitħna.

Ir-raħal kien maqsum hekk: In-naħa tal-Belt u n-naħa tad-Dejma. Din tad-Dejma kienet tibda fejn Triq Catania tmiss mal-Pjazza. Min jaf kemm-il darba ltaqgħu żewġ timijiet wieħed minn kull naħa għal xi logħba football filground tas-suldati ta' Birguma, u wara, ferħ u xi ftit storbju fit-toroq tan-naħa tar-rebbieħa.

Mad-Dejma hemm żewġ sqaqien: wieħed kienu jgħidulu l-Qortin il-Kbir (illum Triq Fidiel Zarb) u l-ieħor il-Qortin iż-żgħir (Sqaq Karlotta). Il-Qortin il-Kbir konna nsibuh in-naħa jew is-Sqaq tal-Fanal. Biċċa żgħira minn dan is-sqaq illum imsejħa "Triq Kromb il-Baħar" konna ngħidulha "Is-Sqaq tal-Barbalaxki".

Hekk ukoll fi Triq il-Ġnien l-ewwel Sqaq (Sqaq Sofija) kienu jafuh bħala "Is-Sqaq tax-Xuxan". Il-kelma "Xuxan" tfisser wieħed b'xagħru twil



**TRIQ MONS. LUIGI CATANIA**



**TRIQ FIDIEL ZARB**



**TRIQ SAN NIKOLA**

It-toroq ta' Ħal Għargħur dari kellhom ċerti ismijiet jew laqmijiet fost il-poplu tagħna.
Dik li llum insejħulha Triq il-Kbira jew Main Street, kienu jgħidulha n-naħa tal-Belt, "Strada Reale". Dan l-isem kien miktub bl-iswed fil-bidu u t-tmien tagħha.
It-trasport pubbliku kien jgħaddi minnha lejn Birkirkara, Sliema u l-Belt. Il-karozzi tal-linja kienu qishom il-vannijiet kbar tal-lum, u jesgħu madwar għoxrin. Trid tara x'inkwiet kien jinqala' fejn ma kenux jistgħu jgħaddu żewġ karozzi mdaqqsin.
Triq il-Wiesgħa konna ngħidulha: Wara t-Tribuna" Għaliex ma nafx. L-aħħar banda li daqqet f'din il-pjazza kienet il-King's Own taħt is-Surmast Joseph Casapinta madwar is-sena 1950.
Sqaq Warda kellu l-isem ħelu: Vicolo Rosa.
Sqaq ir-Rużarju kien magħruf bħala "Is-Sqaq tal-Furnara", għax kien hemm il-forn tal-Familja Bezzina ta' Lawrenz. Aħna l-abbatini konna mmorru biċ-ċensier biex jimlewhulna bil-ġamar tal-forn.
Triq Monsinjur Lwiġi Catania konna ngħidulha: it-Triq tal-Ġebla l-Kbira, minħabba l-mitħna.
Ir-raħal kien maqsum hekk: In-naħa tal-Belt u



TRIQ SAN BARTILMEW



TRIQ IL-ĠDIDA

DOWN
TOWN
BAR
Prop. Victor Xuereb

TAKE- AWAY FOOD
SAN ĠWANN